# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **29 TA' APRIL 2018**

**Bazaar**

Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.

**Tberik tal-Familji**

It-tberik tal-familji hija okkażżjoni li s-saċerdot jitlob flimkien mal-membri tal-familja għall-barka u għall-paċi ta' Kristu Rxoxt. It-tberik jibda fl-4:30pm.

**It-Tnejn 30 ta' April 2018**

Triq is-Sliem u Triq il-Qawwara.

**It-Tlieta 1 ta' Mejju 2018**

Triq il-Gandoffli, Triq l-Irmiġġ u Triq is-Sajjieda

**L-Erbgħa 2 ta' Mejju 2018**

Triq Mintba u Triq Miklem Malti

**Kummissjoni Kateketika**

It-Tnejn 30 ta' April 2018 fis-7.30pm tiltaqa' l-Kummissjoni Kateketika fis-Sala San Anna.

**Laqgħa għall-persuni b'diżabilità u l-carers tagħhom**

It-Tnejn 30 ta' April 2018 fis-6.30pm, se tiġi organizzata laqgħa għall-persuni b'diżabilità u l-*carers* tagħhom fiċ-Ċentru Edukattiv tal-Kunsill Lokali Triq il-Kappara.

**It-Tielet Laqgħa dwar it-Talb**

It-Tlieta 1 ta' Mejju 2018 immiss it-tielet laqgħa ta' formazzjoni dwar it-Talb li flimkien bħala Parroċċa qed norganizzaw matul din is-sena. Fit-8.15am nitilqu minn quddiem is-Sala Sant'Anna u fid-9.00am nibdew il-laqgħa tagħna b'quddiesa fid-9.00am. Il-laqgħa ser titmexxa minn Fr Jimmy Bonnici u tintemm fin-12.30pm bl-ikel. Filwaqt li nħeġġu lil kulħadd sabiex tingħaqdu magħna jekk jogħġobkom iktbu isimkom fis-sagristija.

**San Ġużepp Ħaddiem**

It-Tlieta 1 ta' Mejju 2018 hija l-Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem. Il-Quddies ikun bħal dak ta' fost il-ġimgħa u fil-Quddiesa tat-6:30pm isir it-tberik tal-għodda.

**L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar**

Il-Ġimgħa 4 ta' Mejju 2018 huwa l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar għalhekk wara l-quddiesa tas-6:30pm ikollna l-adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija.

***Snooker Tournament* fis-Sala San Ġwakkin**

Is-Sibt 5 ta' Mejju 2018 ser jiġi organizzat *Snooker Tournament* fis-Sala San Ġwakkin għall-adolexxenti u żgħażagħ mis-7.00pm 'il quddiem. Dawk li jixtieqυ jipparteċipaw jiktbu isimhom fis-Sagristija.

**Kunċert minn Kor Reliġjuż mill-Iżvezja**

Il-Ħadd 6 ta' Mejju 2018 fis-7.15pm fil-Knisja Parrokkjali jibda kunċert minn kor reliġjuż mill-Iżvezja. Kulħadd huwa mistieden.

***Coffee Morning***

Il-Ġimgħa 11 ta' Mejju 2018 fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm fid-9.00am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Festa tal-Madonna ta' Pompei**

It-Tlieta 8 ta' Mejju 2018 hija l-festa tal-Madonna ta' Pompei. Wara l-quddiesa tas-7.00am nitolbu flimkien it-talba tar-Rużarju quddiem Ġesù Ewkaristija u tingħad is-Supplika tal-Madonna.

It-Tlieta 8 ta' Mejju 2018 fis-6.00pm fil-Parroċċa ta' Marsaxlokk jibda pellegrinaġġ Marjan u Quddiesa mmexxija minn Mons. Arċisqof Mons. Charles J. Scicluna.

**Festa ta' San Ġorġ Preca**

It-Tlieta 8 ta' Mejju 2018 fis-6:00pm niltaqgħu l-Museum tas-Subien u nimxu flimkien lejn il-Knisja Parrokkjali għall-Quddiesa tas-6:30pm. Qed nistiednu lit-tfal flimkien mal-familja tagħhom biex nattendu u wara l-quddiesa ser nagħtu ġelat lit-tfal kollha fuq iz-zuntier. It-tfal li s-soltu jużaw it-trasport għad-duttrina ser ikollhom trasport u wara jwassalhom lura.

**L-Erbgħa 9 ta' Mejju hija l-festa ta' San Ġorġ Preca. Hija ġurnata fejn irroddu ħajr lil Alla għal dak kollu li għamel mal-gzira tagħna permezz ta' dan is-saċerdot Malti. Jalla tkun ġurnata fejn napprezzaw il-Kelma ta' Alla, il-katekiżmu tal-Knisja u l-ġid li jagħmlu fostna l-membri tal-Mużew u tant katekisti li qed jagħtu ħajjithom għax-xandir tal-Kelma ta' Alla.**

### ***Eurovision Night Buffet Dinner***

Is-Sibt 12 ta’ Mejju 2018 mit-8:30pm ‘il quddiem ser issir ikla *buffet* fis-Sala Sant’Anna. Biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mis-Sagristija. Inħeġġukom sabiex nattendu.

### **Fuljett ‘Flimkien’**

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta’ Mejju 2018. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.